# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

Illum t-Tnejn 7 ta' Marzu, 2016

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**
**vs.**
***Omissis***
***Omissis***
***Omissis***
***Omissis***
**Neville Buttigieg**
**David Michael sive David Axisa u**
**John Galea**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

*Omissis*, u
*Omissis*, u
*Omissis*, u
*Omissis*, u

Neville Buttigieg detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 83380M, u

David Michael sive David Axisa, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 486871M, u

John Galea detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 36570M.

**Omissis, omissis, omissis u omissis wahedhom** akkuzati talli:

a) f'dawn il-Gzejjer nhar id-9 ta' Lulju, 2003, operaw, promovew, bieghu jew ippartecipaw fi, jew b'xi mod li jkun, ghenu jew hajru l-operat, promozzjoni jew bejgh ta' loghob mhux awtorizzat.
b) Kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess data, u cirkostanzi gewwa l-fond bl-isem "Welcome Bar", fil-Marsa, liema fond ma kellux licenzja taht l-Att dwar Loghob jew taht l-Att dwar Lotteriji u Loghob iehor jew bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' kull regolament maghmul taht l-Att dwar Loghob jew bi ksur ta' xi kundizzjoni imposta f'xi licenzja mahruga taht dan l-Att, hadu sehem f'xi loghba ta' sogru li tintlaghab ghal flus jew valur ta' flus.
c) Kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess data, lok u cirkostanzi ppermettew l-uzu tal-imsemmi post ghal, jew inkoraggew dak il-loghob ta' sogru li jintlaghab ghal flus jew valur ta' flus.
d) U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ghalkemm ma kienux qeghdin jiehdu sehem f'xi loghob ta' sogru li jintlaghab ghal flus jew valur ta' flus, kienu siehba ta' xi gugatur f'xi loghba bhal dik, jew kienu prezenti filwaqt li kienet qed issir xi loghba bhal dik;
e) U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess data, lok u cirkostanzi xjentement ippermettew l-uzu ta' xi post bil-ghan tal-operazzjoni, il-promozzjoni, il-bejgh jew il-loghob ta' xi loghba bi ksur ta' xi disposizzjoni tal-Att dwar Lotteriji u Loghob iehor jew ta' regolamenti maghmulin tahtu jew bi ksur ta' xi kundizzjoni mposta f'licenzja mahruga taht l-Att dwar Lotteriji u Loghob Iehor jew bi ksur ta' xi direttiva mahruga mill-Awtorita' skond ma hemm f'dan l-Att jew ta' regolamenti maghmulin tahtu jew bil-ghan ta' hazin ta' apparat rilevanti ghal loghob importat, manifatturat jew provvist bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 7 jew bi ksur tal-kundizzjonijiet imposti fil-licenzja mahruga skond dak l-artikolu 7 jew bil-ghan li jsiru l-manifattura u l-manutenzjoni ta' apparat rilevanti ghal loghob bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 7 jew bi ksur tal-kundizzjonijiet imposti fil-licenzja skond ma hemm f'dak l-artikolu 7.

**Neville Buttigieg, David Michael sive David Axisa u John Galea wahedhom**, gew wkoll akkuzati:

f) Talli f'dawn il-Gzejjer, nhar id-9 ta' Lulju, 2003, ippartecipaw fi, jew b'xi mod li jkun, ghenu jew hajjru l-operat, promozzjoni jew bejgh ta' loghob mhux awtorizzat.
g) Kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess data, lok u cirkostanzi gewwa l-fond li ma kellux licenzja taht l-Att dwar Loghob jew taht l-Att dwar Lotteriji u Loghob Iehor jew bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' kull regolament maghmul taht l-Att dwar Loghob jew bi ksur ta' xi kundizzjoni mposta f'xi licenzja mahruga taht dan l-Att, hadu sehem f'xi loghba ta' sogru li tintlaghab ghal flus jew valur ta' flus.
h) U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, fl-istess data, lok u cirkostanzi, ghalkemm ma kienux qieghdin jiehdu sehem f'xi loghba llegali, kienu siehba ta' xi gugatur f'xi loghba bhal dik, jew kienu prezenti filwaqt li kienet qeghda ssir xi loghba bhal dik.

i) U finalment *omissis, omissis, omissis, omissis* kif ukoll lil Neville Buttigieg wahedhom gew akkuzati, talli rrendu ruhhom recedivi ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li nstabu hatja b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sanzjoni tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 74(2) tal-Att dwar Lotteriji u Loghob iehor (Kapitolu 438), fil-konfront ta' kull imputat (minn fol 11 sa fol 14 tal-process), sabiex jittiehdu proceduri kriminali kontra l-imputati talli kisru d-disposizzjonijiet tal-Att imsemmi.

Rat li f'kull wahda mis-sanzjonijiet ghall-imputati odjerni, u cioe l-imputati Neville Buttigieg, David Michael Axisa u John Galea, l-Avukat Generali ddikjara illi *"skond it-tielet proviso tal-artikolu 67(1) tal-Att fuq imsemmi niccertifika li r-reat in kwistjoni jista' jinghata piena adegwata ta' multa ta' mhux inqas minn mitt lira u mhux izjed minn tlett elef lira."*[1]

[1] Ara fol. 12-14 tal-process.

Rat li fl-ewwel seduta, cioe dik tas-17 t'Ottubru, 2005,[2] l-imputati Neville Buttigieg, David Michael Axisa u John Galea, debitament assistiti mill-avukat difensur taghom, irregistraw ammissjoni ghall-imputazzjonijiet dedotti kontrihom.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Ghal xi raguni li din il-Qorti ma tistax tifhem, ghalkemm dawn it-tlett imputati rregistraw l-ammissjoni taghhom fl-ewwel seduta ta' dawn il-proceduri, il-Prosekuzzjoni ma talbitx is-separazzjoni tal-gudizzju, halli wara li jsiru l-provi u t-trattazzjoni dwar il-piena, din il-Qorti tkun tista' tghaddi ghas-sentenza fil-konfront ta' dawn it-tlett imputati. Konsegwenza ta' dan in-nuqqas, dawn it-tlett imputati baqghu ghal ghaxar (10) snin jattendu s-seduti flimkien mal-erba' ko-imputati l-ohra, li ma ammettewx l-imputazzjonijiet dedotti kontrihom, sakemm il-kawza waslet ghat-trattazzjoni finali.

Kien biss fis-seduta tat-18 ta' Lulju, 2014,[3] li l-Prosekuzzjoni talbet lil din il-Qorti tordna s-separazzjoni tal-gudizzju tal-imputati *omissis u omissis*, kif ukoll tal-imputati odjerni Neville Buttigieg, David Michael sive David Axisa u John Galea.

Rat li fis-seduta tat-12 ta' Gunju 2015, l-avukat difensur tal-imputati odjerni informa lill-Qorti li l-imputati ma ghandhomx provi dwar il-piena u l-kawza tista' tithalla ghas-sentenza.[4]

Rat in-nota tal-Ufficjal Prosekutur tas-27 ta' Jannar 2016, fejn iccita l-artikoli tal-ligi li tahthom l-imputati odjerni gew akkuzati kif ukoll ippprezenta fedina penali aggiornata taghhom.

Ikkunsidrat:

In vista tal-ammissjoni taghhom stess, il-Qorti qed issib lill-imputati Neville Buttigieg, David Michael sive David Axisa u John Galea hatja tal-imputazzjonijiet dedotti kontrihom.

---

[2] Ara fol. 18-19 tal-process.
[3] Ara fol. 209 tal-process.
[4] Ara fol. 219 tal-process.

Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputati rregistraw ammissjoni fl-ewwel seduta ta' dawn il-proceduri, u m'ghandhomx jigu pregudikati minhabba l-fatt li l-Prosekuzzjoni ma talbitx lill-Qorti li ssir is-separazzjoni tal-gudizzju fil-konfront taghhom, halli l-kawza taghhom tigi deciza, u b'hekk ma jahlux il-hin u r-rizorsi tal-istess Prosekuzzjoni u ta' din il-Qorti.

Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll li l-imputat Neville Buttigieg ammetta ghall-imputazzjoni li huwa recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, u ghalhekk il-piena ta' multa fil-kaz tieghu ghandha tkun ghola minn dik taz-zewg imputati l-ohra.

Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedini penali tal-imputati.

L-imputat Michael Axisa ghandu fedina penali netta.

L-imputat John Galea ghandu zewg kundanni fil-fedina penali, wahda ghal kontravvenzjoni li grat fl-1993 u l-ohra kundanna li ha fl-2015 tali saq jew prova jsur vettura meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi.

L-imputat Neville Buttigieg ghandu tlett kundanni fil-fedina penali tieghu kollha relatati ma loghob illegali. L-ewwel kundanna inghat lilu fl-2003 (qabel l-incident in kwisjtoni), it-tieni kundanna inghat lilu fl-2011 u t-tielet kundanna fil-2015. Ghalhekk jidher li l-imputat Buttigieg baqa' tul dawn is-snin kollha jippersisti fil-vizzju tieghu ta' loghob illegali, u ma tghallem xejn mill-kundanna tal-2003 u mill-fatt li kellu dawn il-proceduri odjerni ghadhom pendenti u li kien ammetta ghall-imputazzjonijiet migjuba kontrih f'dawn il-proceduri.

Fl-opinjoni tal-Qorti, dawn id-divergenzi fil-fedini penali tal-imputati ghandhom jigu riflessi fil-piena inflitta.

Kif diga inghad aktar il'fuq, f'kull wahda mis-sanzjonijiet ghall-imputati odjerni, l-Avukat Generali iddikjara illi *"skond it-tielet proviso tal-artikolu 67(1) tal-Att fuq imsemmi niccertifika li r-reat in kwistjoni jista' jinghata piena adegwata ta' multa ta' mhux inqas minn mitt lira u mhux izjed minn tlett elef lira."*[5] - illum ekwivalenti ghal multa ta' mhux

[5] Ara fol. 12-14 tal-process.

anqas minn €232.94 u mhux izjed minn €6,988.12. Ghalhekk din il-Qorti trid izzomm ma' dawn il-parametri tal-multa, meta tigi biex tinfliggi l-piena.

**Konkluzjoni**

*Fil-Konfront tal-Imputati David Michael sive David Axisa u John Galea*

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 6(a) u (b) tal-Kapitolu 438 u l-Artikolu 46(1) tal-Kapitolu 400 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputati David Michael sive David Axisa u John Galea hatja tat-tlett imputazzjonijiet kollha dedotti kontrihom, u tikkundanna:

1. Lil David Michael sive David Axisa ghal hlas ta' multa ta' hames mitt Euro (€500.00), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsa u ghoxrin Euro (€25.00), b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mil-1 t'April 2016, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

2. Lil John Galea ghal hlas ta' multa ta' elf Euro (€1,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50.00), b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mil-1 t'April 2016, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

   In oltre, ai termini tal-Artikolu 72 tal-Kapitolu 438 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna il-konfiska ghaf-favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' tlett mija u tnax-il Euro u erbatax-il centezmu (€312.14) - ekwivalenti ghas-somma ta' mija u erba' u tletin Lira Maltija (Lm134.00) - li giet elevata minghand l-imputat John Galea u ezebita f'dawn il-proceduri.

*Fil-Konfront tal-Imputat Neville Buttigieg*

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l- l-Artikoli 6(a) u (b) tal-Kapitolu 438, l-Artikolu 46(1) tal-Kapitolu 400 u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Neville Buttigieg hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih, u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' elfejn Euro (€2,000.00), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsa u sebghin Euro (€75.00), b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-1 ta' April 2016, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

In oltre, ai termini tal-Artikolu 72 tal-Kapitolu 438 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna il-konfiska ghaf-favur il-Gvern ta' Malta tas-somma ta' mija u tlett Euro u disa' u tmenin centezmu (€103.89) - ekwivalenti ghas-somma ta' erba' u erbghin Lira Maltija u sittin centezmu (Lm44.60) - li giet elevata minghand l-imputat Neville Buttigieg u ezebita f'dawn il-proceduri.

**Magistrat**

**Deputat Registratur**